MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2011

Appell Civili Numru. 156/2010/1

**Joseph Mary Farrell**

**v.**

**Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat li ressaq l-attur fit-18 ta’ Frar, 2010, li jaqra hekk:
“1. Illi r-rikorrent gie innotifikat b’zewg ittri ufficjali pprezentati mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud it-tnejn datati 17 ta’ Novembru 2009 (kopji annessi bhala Dokument A u B rispettivament) fejn gie interpellat sabiex

ihallas is-somma ta` tnejn u tletin elf mitejn u disgha u erbghin Ewro u sittax-il centezmu (€32,249.16) u sbatax-il elf mitejn u tmienja u sebghin Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€17,278.43) rispettivament dovuti bhala Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta` Malta ;

“2. Illi l-interpellanza li saret bl-ittri ufficjali surriferiti saret ukoll sabiex jigu rezi ezegwibbli titoli ezekuttivi li l-intimat qieghed jivvanta illi ghandu ;

“3. Illi r-rikorrent qieghed joggezzjona ghall-kontenut ta’ l-imsemmija ittri ufficjali u wisq aktar ghall-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttivi li qieghed jivvanta li ghandu l-intimat peress li l-ammonti mitluba mill-Kummisarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud mhumiex in effetti dovuti ;

“4. Illi ghalhekk ir-rikorrent qed iressaq din il-kawza halli jattakka t-titolu ezekuttiv ottenut mill-Kummissarju intimat fil-konfront tieghu ;

“Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi u ghal dawk li se jingiebu waqt is-smigh ta’ dan ir-rikors u salv kull provvediment jew dikjarazzjoni ohra li joghgobha taghti din il-Qorti fic-cirkostanzi, ir-rikorrent qieghed umilament jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex :

“1. Tiddikjara illi s-somom mitluba mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fl-ittri ufficjali tieghu tas-17 ta’ Novembru mhumiex dovuti mir-rikorrent ;

“2. Tiddikjara ghalhekk u per konsegwenza illi l-intimat m’ghandux titolu ezekuttiv ghall-ammonti minnu rreklamati ;

“3. Konsegwentement ukoll tirrevoka t-titolu esekuttiv ottenut mill-Kummissarju intimat fil-konfront tar-rikorrent u tqisu bhala wiehed li m’ghadux fis-sehh ai fini u effetti tal-ligi ;

“4. Tiddikjara wkoll illi l-Kummissarju intimat huwa prekluz milli jghaddi ghall-esekuzzjoni tat-titoli ezekuttivi

minnu vvantati kif indikat fiz-zewg ittri ufficjali suriferiti datati t-tnejn 17 ta` Novembru 2009 kontra r-rikorrenti u dana pendenti l-ezitu finali u definittiv tal-proceduri odjerni.

“Bl-ispejjez kontra l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li minn issa hu u r-rappresentanti tieghu huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-Kummissarju intimat li in forza taghha eccepixxa:

“1. Illi l-azzjoni proposta mir-rikorrent hija rritwali u konsegwentement improponibbli u dana stante illi dak li effettivament qieghed jaghmel ir-rikorrent huwa li jikkontesta l-ammont pretiz mill-intimat (vide paragrafu 3 u 4 tal-premessi u l-ewwel talba tar-rikors promotur). Umilment jigi rilevat illi l-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta’ Malta jikkontempla u jistipula b’mod specifiku l-procedura li ghandha tigi segwita sabiex ammont dovut, jew stabbilit li huwa dovut, jigi kontestat. Izda certament li l-procedura odjerna ma hijiex dik idoneja sabiex issir kontestazzjoni tal-ammont pretiz mill-intimat u ghalhekk hija rritwali u nproponibbli.

“2. Illi gialadarba l-ammont pretiz mill-intimat ma giex debitament kontestat skond dak kontemplat fil-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta` Malta u/jew kull kontestazzjoni maghmula mir-rikorrent skond l-istess procedura ghaddiet in gudikat, it-talba tal-intimat ghall-hlas tal-ammonti indikati tikkostitwixxi titolu ezekuttiv ai termini tal-Artikolu 59(1) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta` Malta u liema titolu huwa ezegwibbli wara d-dekors ta’ jumejn mid-data tan-notifika ta’ ittra ufficjali li tinterpella ghall-hlas u dana ai termini tal-Artikolu 59(2) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta` Malta. Illi ghalhekk fil-kaz odjern r-rikorrent ma ghandu ebda jedd li jopponi ghall-ammont pretiz mill-intimat u wisq anqas ghall-ezekuzzjoni tat-titolu ezekutiv tal-intimat ottenut skond il-ligi.

“3. Illi jigi rilevat illi dina l-Onorabbli Qorti ma hijiex adita bil-gurisdizzjoni li tirrevedi l-ammonti mitluba mill-intimat rapprezentanti t-taxxa fuq il-valur mizjud, multi

amministrattivi u/jew imghax. Din il-kompetenza hija moghtija lil bord/tribunal specjali mahtur bil-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk dina l-Onorabbli Qorti, bhala Qorti ta' Gurisdizzjoni Ordinarja, hija zvestita mill-gurisdizzjoni li tittratta l-lanjanzi tar-rikorrent u dan bis-sahha ta' ligi specjali.

"4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi rilevat illi fil-mertu t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza..

"5. Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri u permessi mil-ligi."

Rat il-provediment li nghata mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Settembru, 2010, li in forza tieghu cahdet talba tar-rikorrent ghall-produzzjoni tal-provi kif talab fl-udjenza tal-15 ta' Gunju, 2010;

Dik il-Qorti tat il-provvediment taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet; l-ewwel Qorti, qabel ma ghaddiet ghall-konsiderazzjonijiet taghha ghamlet re-epilogu ta' dak li sehh quddiemha fl-udjenza tal-15 ta' Gunju, 2010, li se jigi wkoll riprodott hawnhekk biex tinghatha stampa cara tat-talba tar-rikorrent u l-opposizzjoni tal-Kummissarju intimat:

"Rat li fl-udjenza tal-kawza tal-15 ta' Gunju 2010, id-difensur tar-rikorrent irrileva li l-unika prova li ghandu f'din il-kawza hija tal-prova tal-kontabilita` tal-VAT number in kwistjoni u xi dokumenti, u jkun f'posizzjoni li jaghlaq il-provi tieghu. Min-naha tieghu d-difensur tal-intimat oppona ruhu peress li l-prova li jrid jaghmel ir-rikorrent hija rrilevanti ghall-fini tal-kontestazzjoni tat-titolu ezekuttiv u dan ghar-raguni illi ladarba l-kontestazzjoni tar-rikorrent hija dwar il-likwidazzjoni u ladarba wara li hareg l-avviz ghall-hlas ir-rikorrent ma nqediex bil-procedura tal-appell li taghtih il-ligi ma jistax issa jikkontesta t-titolu ezekuttiv b'kontestazzjoni tal-likwidazzjoni altrimenti jkun qed jirrikorri ghal abbuz tas-sistema. Ghal din l-oggezzjoni, ir-rikorrent wiegeb billi sostna l-posizzjoni tieghu ghax skond ir-rikorrent il-kodici tal-procedura ma jimpediehx milli jintraprendi l-procedura odjerna.

"Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-15 ta' Gunju 2010 fejn halliet il-kawza ghal-lum sabiex tipprovdi dwar it-talba tar-rikorrent.

"**Ikkunsidrat –**

"Ir-rikorrent iddikjara li kien *qed iressaq din il-kawza halli* ***jattakka t-titolu ezekuttiv ottenut*** *mill-Kummissarju intimat fil-konfront tieghu* (enfasi ta' din il-Qorti).

"Ghalkemm ir-rikorrent ma ccitax id-disposizzjoni tal-ligi li fuqha kien qieghed isostni l-istanza tieghu, din il-Qorti tifhem li ried jagixxi skond l-**Art.466 tal-Kap.12**.

"Minn ezami ta' din id-disposizzjoni, din il-Qorti tghid li r-rikorrent ma jistax isib sostenn minnha ghal dawn ir-ragunijiet –

"1) Sabiex jesigi l-hlasijiet li kien qed jippretendi bhala dovuti mir-rikorrent, il-Kummissarju dwar il-Valur Mizjud ma adottax fil-kaz tal-lum il-procedura kontemplata bl-Art.466.

"2) L-ittri ufficjali fol 5 u 6 ma jaghmlux riferenza ghal xi dikjarazzjoni mahlufa kif previst mis-subinciz (1) ta' dak l-artikolu.

"3) Fi kwalunkwe kaz, ghalkemm kien notifikat biz-zewg ittri ufficjali fl-20 ta' Novembru 2009, baqghet ma kenitx segwita l-procedura li jahseb ghaliha s-subinciz (2) tal-istess artikolu.

"L-intimat ghamel il-posizzjoni tieghu cara kemm fl-ittri ufficjali fuq riferiti kif ukoll fir-risposta ghall-azzjoni tar-rikorrent li kien qieghed jagixxi bis-sahha tal-**Art.59 tal-Kap.406**.

"Minn ezami ta' din id-disposizzjoni, jirrizulta bl-aktar mod car li filwaqt li jirrikonoxxi li kontrih kien ***ottenut*** titolu ezekuttiv, il-procedura tal-lum tentata minnu ma tistax izzomm l-effetti tal-istess Art.59. Ghalhekk kwalsiasi

prova li jrid jaghmel ir-rikorrent hija ghal kollox inutili u rrilevanti ghall-fini tal-operat ta' dik id-disposizzjoni.

"Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qeghda tichad it-talba tar-rikorrent sabiex iressaq provi kif minnu rikjest fl-udjenza tal-15 ta' Gunju 2010 u thalli l-kawza ghall-udjenza ta' nhar il-Hamis 7 ta` Ottubru 2010 fid-9.00 a.m. ghat-trattazzjoni finali bl-intiza li wara dik l-udjenza, il-kawza tithalla ghas-sentenza."

Rat ir-rikors tal-appell ta Joseph Mary Farrell li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-Appell, tirrevoka d-digriet tal-ewwel Qorti suriferit u minflok tilqa' t-talba maghmula mill-esponent fl-udjenza tal-15 ta' Gunju, 2010 u tordna li l-atti jigu rimessi quddiem l-istess Qorti ghall-kontinwazzjoni skont il-Ligi.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab lil din il-Qorti joghgobha tichad l-appell ta' Joseph Mary Farrell bl-ispejjez kontra l-appellant u b'riserva li jitressqu sottomissjonijiet ulterjuri waqt it-trattazzjoni tal-istess.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat;

Illi b'dawn il-proceduri r-rikorrent qed jittenta jikkontesta pretensjoni tal-Kummissarju intimat ghall-hlas ta' €32,249.16 u €17,278.43 dovuti bhala Taxxa Fuq il-Valur Mizjud (VAT), li l-istess intimat iqis li ghandu titolu ezekuttiv ghall-istess ammonti bis-sahha ta' zewg ittri ufficcjali mahruga t-tnejn fis-17 ta' Novembru, 2009, u notifikati lir-rikorrent fl-20 ta' Novembru, 2009. Jidher li qabel il-hrug ta' dawn l-ittri ufficjali, il-Kummissarju intimat talab il-hlas tal-imsemmija ammont bil-hrug ta' stima u/jew avviz, liema talba ma gietx kontestata mir-rikorrent skont l-Artikoli 43, 44 u 47 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud

(Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta). Fid-dawl ta' dan, darba li rrizulta li kien ottenut titolu ezekuttiv, l-ewwel Qorti qieset kull prova dwar il-meritu inutili, u cahdet talba biex jingiebu provi dwar il-pretensjoni tar-rikorrent li "l-ammonti mitluba … … … m'humiex in effetti dovuti".

Ir-rikorrent appella minn din id-decizjoni u rega' tenna li ghandu dritt igib provi biex isostni l-pretenzjoni tieghu, u li, f'kull kaz, jigi mcahhad minn smigh xieraq jekk ma jithallix iressaq il-provi li jrid.

Din il-Qorti ma taqbel xejn mas-sottomissjonijiet tal-appellant. Hu maghruf li kawzi quddiem il-qrati superjuri jridu jimxu a bazi tal-kawzali kif imressqa ghal quddiemha mir-rikorrenti, u jekk talba tkun mitluba a bazi ta' kawzali partikolari, mhux lecitu ghall-parti jew ghall-qorti tinvestiga lill'hinn minn dik il-kawzali. Kif intqal, per ezempju, mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kaz **Azzopardi v. Azzopardi**, deciza fil-31 ta' Jannar, 2003, "il-Qorti ghandha toqghod fuq il-kawzali u t-talba dedotta u xejn izjed".

Issa, f'din il-kawza, ir-rikorrenti qed isostni li l-ammonti mitluba mhux dovuti u hu "ghalhekk" li qed jattakka t-titolu ezekuttiv ottenut mill-Kummissarju intimat. Din hi l-istess pretensjoni li r-rikorrenti ressaq fl-ittra ufficjali responsiva tieghu tat-8 ta' Jannar, 2010, u mkien ma ressaq ilment iehor. Din il-procedura f'dan l-istadju, m'hiex, pero`, dik idonea ghall-iskop li jrid jilhaq ir-rikorrent.

Din il-Qorti, fil-kuntest ta' talba ghat-thassir ta' titolu ezekuttiv ottenut mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, f'kuntest simili ghal dan il-kaz, u fejn ir-rikorrent ried jikkontesta dak it-titolu fuq il-kawzali li "l-ammont ma huwiex korrett u ma hux dovut mir-rikorrenti" (kawzali kwazi identika ghal dik li ressaq ir-rikorrenti odjern bhala l-bazi tal-azzjoni tieghu), fil-kawza **Gatt v. Kummissarju tat-Taxxi Interni**, deciza fit-28 ta' Mejju, 2010, kienet osservat illi la darba ir-rikorrent kellu kull opportunita`, fit-termini impost mil-ligi, li jikkontesta dawn l-istimi, izda naqas li jaghmel dan, ma setax aktar jikkontesta l-meritu ta' dawk l-istimi. Kompliet tghid din il-Qorti:

"L-ittra ufficjali tat-8 ta' Novembru 2006 saret biex l-intimat jikseb il-hrug ta' mandati ezekuttivi taht l-Art. 40 tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta) biex jigbor it-taxxa minghand ir-rikorrent. Id-disposizzjonijiet relevanti tal-Kap. 372 jipprovdu illi jekk, wara li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni jkun baghat avviz ghal hlas tat-taxxa, dak li lilu jintbaghat l-avviz ma jhallasx, il-Kummissarju jista' jtenni t-talba ghall-hlas b'att gudizzjarju u, wara jumejn min-notifika ta' dak l-att ikun jista' jikseb il-hrug ta' mandati esekuttivi.

"Appell kontra l-istimi u l-avvizi mahruga mill-intimat isiru taht id-dispozizzjonijiet tat-taqsima VI tal-Kap. 372. Jista' jsir appell quddiem Bord ta' Kummissarji Specjali taht l-Art. 34 u minn decizjoni ta' dak il-Bord jista' jsir appell fuq punt ta' ligi biss quddiem il-Qorti tal-Appell. Wara li jinqata' l-appell, jew jekk ma jsirx appell fiz-zmien li taghti l-ligi, l-istima ssir finali.

"Dan ifisser illi la darba l-istimi saru finali, l-istess ma jistawx aktar jigu kontestati. La l-Artikolu 466 u lanqas l-Artikolu 281 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili ma jistghu jitqiesu li jghoddu ghall-kaz, ghax l-ittra ufficjali in kwistjoni ma saritx taht l-Artikolu 466 u lanqas ma hija mandat taht l-Artikolu 273 tal-imsemmi Kodici. Jidher, ghalhekk, li l-ligi ma taghtix ir-rimedju li qieghed jitlob ir-rikorrent b'dan ir-rikors (ara, bhala rifless fuq dan il-punt, il-kawza **Borg et. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni** deciza minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fid-9 ta' April 2010)."

Dan kollu jghodd *mutatis mutandis* ghal dan il-kaz fil-kuntest tal-VAT u l-Kap. 406 aktar qabel imsemmi, partikolarment l-Artikoli 59, 43, 44 u 47 ta' din il-ligi.

Din il-Qorti, fil-kaz imsemmi ta' **Gatt v. Kummissarju tat-Taxxi Interni**, kienet ezaminat ukoll ilment marbut mad-dritt ghas-smigh xieraq, u kienet cahditu wara li osservat li ilment simili ma jistax jigi milqugh meta dak li jkun ikun naqas li jsegwi l-mod ta' kontestazzjoni li l-ligi specifika tkun ipprovdiet ghal min ma jkunx qed jaqbel mal-istimi mahruga. Din il-Qorti kienet osservat li:

"L-ilmenti tal-appellant fil-kuntest tal-ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu kellhom jitressqu fil-kuntest tal-kontestazzjoni li hu kellu jaghmel ghal-likwidazzjoni li saret mill-Kummissarju. F'dan il-kaz, lanqas biss gie tentat rikors lill-Bord aktar qabel imsemmi, bord dan, wara kollox, appozitament krejat, b'kompetenza specjali biex jistharreg u jepura kwistjonijiet ta' natura teknika u fiskali, u biex jaghmel apprezzament gust taghhom fid-dawl tad-disposizzjonijiet tal-ligi applikabbli ghalihom. Jekk hass li r-rimedju li taghti l-ligi ma kienx effettiv, kellu, fil-mument opportun, l-ewwel joggezzjona ghall-istimi kif trid il-ligi, u fl-istess hin, iressaq l-ilmenti tieghu quddiem il-Qorti kompetenti.

"Kwistjonijiet dwar smiegh xieraq, proporzjonalita` fit-trattament, u li jolqtu d-dritt tieghu ta' uzu u tgawdija ta' proprjeta`, li gew sollevati f'dawn il-proceduri, kellhom jigu sollevati fi stadju bikri wara li ssir oggezzjoni ghall-istimi bil-mod semplici li trid il-ligi. Ghar-raguni li jafha biss ir-rikorrent, huwa baqa' ma kkontestax l-istimi li, allura, saru finali u l-ammont sar dovut. Dawn issa ma jistghux jithassru. It-talba tar-rikorrent li, f'dan l-istadju, issir xi forma ta' riferenza kostituzzjonali hi, ghalhekk sempliciment frivola u vessatorja, u qed tigi michuda."

Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti ma tistax tifhem kif ir-rikorrent irid issa jipprova li "l-ammonti mitluba mill-Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Mizjud m'humiex in effetti dovuti", l-unika kawzali li fuqha qed jibbaza l-azzjoni tieghu. Ma jidhirx ghalhekk, li l-provvediment tal-ewwel Qorti ghandu jigi disturbat.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mir-rikorrent Joseph Mary Farrell billi tichad l-istess u tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-ewwel Qorti fit-30 ta' Settembru, 2010, bl-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu kollha mir-rikorrenti appellant. L-atti qed jigu rinvjati lill-ewwel Qorti biex din tkompli tisma' u tiddeciedi l-kaz skont il-ligi

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------